MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 109/2009

**Helen mart Albert Mamo, Dottor Joseph Grech Attard, Maria mart Paul Vella, Veronica mart Frank Ellul, Anna mart George Camilleri, Amata mart Simon Camilleri u Taziana Grech**

**Vs**

**Mary sive May Pecorella**

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jikkontestaw il-validita ta’ testmenti li ghamel Alexander Austin Grech iben il-mejtin Joseph u Maria Dolores xebba Zammit, fid-29 ta’ Awissu 2006 u 18 ta’ April 2007 quddiem in-nutar Dr Alexander Sceberras Trigona. It-testatur miet fl-20 ta’ Novembru 2008. Qabel dawn it-testmenti kien ghamel testment fit-13 ta’ Mejju 1991 quddiem in-nutar Angelo Sammut, fejn halla lill-hutu Josephine Galdes u Maria Stella Zammit bhala werrieta universali tieghu bi dritt ta’ akkrexximent bejniethom. Maria Stella Zammit mietet

qabel it-testatur, filwaqt li Josephine Galdes mietet warajh. L-atturi ma kienux beneficjarji f'dan it-testment.

Fit-testmenti li qeghdin jigu mpunjati f'din il-kawza, it-testatur iddispona hekk:-

Testment tad-**29 ta' Awissu 2006** li sar f'Casa Antonia, Hal Balzan fejn kien jirrisjedi d-decujus wara li tatu puplesija – irrevoka kull testment li ghamel qabel dakinhar. B'legat halla lill-atturi nofs id-depoziti li kellu fl-HSBC, u halla lill-konvenuta bhala werrieta universali tieghu.

Testment tat-**18 ta' April 2007** li sar f'Hal Tarxien fl-ufficcju tan-nutar Sceberras Trigona – ikkonferma t-testment tad-29 ta' Awissu 2006 u halla b'legat lill-werrieta tieghu depoziti li kellu mal-HSBC f'zewg kontijiet bankarji bin-numru li jissemma fit-testment.

Il-qorti rat l-atti kollha inkluz noti ta' sottomissjonijiet u rapport li pprezentat il-perit legali Dr Charmaine Galea.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-konvenuta ddikjarat li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku biex taghmel il-kawza. Ghalkemm hu minnu li l-wirt ta' Alexander Austin Grech ghadda ghand ohtu Josephine Galdes, il-werrieta taghha huma l-atturi. Fatt ammess mill-konvenuta stess. F'tali cirkostanzi l-atturi certament li ghandhom interess guridiku. Hu veru li tali interess ma kienx ezistenti fid-data li giet prezentata l-kawza (6 ta' Frar 2009) peress li Josephine Galdes kienet ghadha hajja u kienet il-werrieta ta' Alexander Austin Grech, pero b'effett tal-*jus superveniens* tali interess twieled fil-kors tas-smiegh tal-kawza. M'hemm l-ebda utilita li l-qorti tilqa' l-eccezzjoni u tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, biex probabilment terga' ssib ma' wiccha kawza identika. Din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

L-atturi qeghdin isostnu li t-testment li saru fl-2006 u fl-2007 huma nulli ghaliex:-

i. It-testatur ma kienx kapaci intelletwalment u fizikament li jaghti l-kunsens tieghu, u ma ntuzawx interpreti li setghu jifhmuh ghaliex ma kienx kapaci jitkellem.

ii. Saru *'...... b'suggestjonijiet ta' l-intimata'* li t-testatur ma setax jifhem u/jew jirrezisti.

Skond l-Artikolu 597 tal-Kodici Civili, m'humiex kapaci jaghmlu testment dawk li:-

i. M’humiex kapaci li jifhmu jew li jkollhom volonta’.
ii. Minhabba difett jew hsara, ma jkunux kapaci, ukoll permezz ta’ interpreti, li jesprimu r-rieda taghhom.
Jirrizulta li qabel saru t-testmenti, id-decujus kien sofra puplesija. Ma tressqux provi medici dwar il-gravita tal-marda li hakmitu. Kif jinghad fir-rapport li ghamlet il-perit legali:-
i. L-inkapacita hi l-eccezzjoni, u l-presunzjoni *juris tantum* hi li t-testatur kien kapaci jaghmel testment.
ii. L-inkapacita li wiehed jaghmel testment ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja t-testmenti.
iii. It-testatur irid ikollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu li jkun jaf x’inhu jaghmel.
iv. Il-prova ghandha tkun konklussiva u **kull dubju ghandu jmur favur il-validita tat-testment**.
Kif osservat din il-qorti (Imhllef A.V. Camilleri) fil-kawza **Mifsud vs Giordano** deciza fit-8 ta’ Marzu 1952 (Volum XXXVI.ii.404):-
*‘f’materja ta’ validita ta’ testment l-kwistjoni li tiraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f’kundizzjoni mentali tali, minhabba l-inkapacita’ naturali, l’eta avvanzata, mard jew insanita, li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bit-testment mill-istess proprjeta tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata tal-estensjoni tal-assi tieghu u, li jifhem in-natura u l-effetti tal-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta’ dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu…..*
*Imma ghall-validita ta’ testment* ***huwa bizzejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x’ikun qed isir****, u li fil-fatt ikun sar, b’mod li mhux imprexindibilment mehtieg li l-volonta intelligenti u liberat tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana…. Del resto, il-kliem ta’ l-art 634(d) tal-Kodici Civili jidhru li gew mil-legislatur adoperati f’sens assolut u b’mod li tahthom ma jistghux jaqghu persuni ohra li ghalkemm mhux mija fil-mija rigorozament sani mentalment (bhal ma huma dawk li jbaghtu biex jifhmu, ta’ intelligenza skarsa, ta’ menti debboli, ta’ idejat strambi jew dizordinata, l-istravaganti, l-eccentrici, u simili), eppure ma jistghux jinghadu li huma mhumiex f’sensihom’*.

Mill-provi jirrizulta li meta t-testatur ghamel it-testmenti tal-2006 u 2007 kien xih u kien qieghed igorr mieghu l-effetti li halliet fuqu l-puplesija. Marda li tfisser attakk fuq il-mohh. Ma tressqet l-ebda prova medika li l-puplesija tat lok ghal disturbi psikici fit-testatur. Meta taghmel paragun bejn dak li xehedu l-atturi u x-xhieda li ressqet il-konvenuta, tiehu l-impressjoni li tkellmu dwar persuna differenti. Il-provi tal-atturi jikkonsistu fid-deposizzjoni taghhom. Huma ddeskrivew lil zijuhom bhala persuna li wara l-puplesija ma kienx kapaci jikkomunika u ma kienx ikun jaf x’qieghed jigri madwaru. Sahansitra Dr Joseph Grech Attard, neputi tat-testatur, in kontro-ezami qal li ma jistax ighid x’kien jifhem minn dak li tghidlu persuna u li kien ikollu biss *lucid intervals* (seduta tad-29 ta’ Novembru 2010). Filwaqt li kien hemm min mill-atturi li qal li Grech kellu *slurred speech* (Helen Mamo), kien hemm min qal (Maria Vella u Anna Camilleri) li ma kien jitkellem xejn. Min-naha l-ohra l-konvenuta ressqet xhieda li qalu li t-testatur kien jitkellem u jaf x’ikun qieghed ighid (ara per ezempju xhieda ta’ Dr Patrick Frendo, David Debono, Dr Edward Debono u Anthony Scicluna). Il-qorti m’hijiex sodisfatta li ntwera li fiz-zmien li saru t-testmenti kien hemm sinjali ta’ konfuzjoni u inkoerenza min-naha tat-testatur. Hu veru li mat-testmenti ma gewx annessi certifikati medici li jiccertifikaw li l-istat mentali tat-testatur kien jippermettilu li jaghmel testment. Pero b’daqshekk ma jfisser xejn ghalkemm forsi kien ikun iktar ghaqli li Grech jigi ezaminat minn tabib qabel ghamel it-testment. Jidher li d-diffikulta tat-testatur kienet biex jikkomunika man-nies bil-kliem (ara per ezempju d-deposizzjoni ta‘ Dr Bora Brigjaj fis-seduta tat-22 ta‘ Frar 2011 tabib li jaqdi r-residenti f’Casa Antonia). Madankollu n-nutar Dr Alexander Sceberras Trigona spjega kif ma kellu l-ebda diffikulta li jifhem lit-testatur f’dak li ried. Ma rrizultax per ezempju li :-

i. It-testatur kien akkumpanjat minn xi terza persuna fil-hin li nkiteb it-testment;

ii. In-nutar kien gie nfurmat minn qabel minn xi hadd x’kellu jinghad fit-testment. In kontro-ezami xehed: *Qed jigi suggerit lili li ghaz-zewg testmenti dak li ried it-testatur gie mfiehem lili mill-konvenuta u nghid li le. F’kull kaz,*

*Sunny, li kont ilhi nafu for decades spjega l-fehma tieghu hu lilhi* (seduta tat-28 ta‘ April 2011).

Dak li rrakonta n-nutar Sceberras Trigona turi l-volonta ferma tad-decujus meta ghamel iz-zewg testmenti li qeghdin jigu mpunjati f'din il-kawza. Hu evidenti li n-nutar li ppubblika t-testment ma nnota l-ebda anomalija fl-imgieba tat-testatur u fi kliemu.

Mehud in konsiderazzjoni l-provi li tressqu l-qorti tifhem li dak li hemm fit-testment jirrifletti dak li qal it-testatur lin-nutar, u xejn iktar. In-nutar bhala ufficjal pubbliku kien f'sitwazzjoni biex jifhem u jikkontrolla l-kundizzjoni fizika tat-testatur.

Fid-dawl tal-provi li tressqu il-qorti lanqas mhi moralment konvinta li meta sar it-testment, it-testatur kien mutu. Ghalhekk ma tarax li kien hemm xi htiega li jkun prezenti interpretu appuntat mill-qorti volontarja. Kien jispetta lin-nutar li quddiemu sar it-testment li jistabbilixxi u jiddeciedi jekk huwiex jifhem dak li ried it-testatur. Il-qorti tifhem li n-nutar fehem car u tond dak li ried Alexander Austin Grech u dan gie rifless fit-testmenti li iffirma t-testatur. Ghalkemm fl-ewwel testment ghamel biss sinjal b'salib (ara dak li hemm dikjarat fit-testment u d-deposizzjoni tan-nutar Sceberras Trigona), dan ma jfissirx li ma kienx kapaci jiddisponi b'testment. Kien evidenti li f'dak iz-zmien l-effett tal-puplesija ma kienx jippermetti lit-testatur li jaghmel il-firma tieghu fuq it-testment. Pero dan ukoll m'huwiex indizju li jista‘ jservi bhala prova favur it-tezi tal-atturi.

Inoltre, i-qorti tistqarr li ma tara xejn stramb mill-fatt li t-testatur innomina lill-konvenuta bhala werrieta universali tieghu meta tqies li :-

i. It-testatur u l-konvenuta kienu ilhom iktar minn 60 sena f'relazzjoni.

ii. Wara li oht it-testatur marret tghix gewwa Villa Messina, Rabat, it-testatur mar ighix mal-konvenuta.

iii. Wara li mar ighix f'Casa Antonia, il-prezenza tal-konvenuta f'hajtu baqghet kontinwa. Sahansitra ghal kull haga li jkollu bzonn il-haddiema kienu jirreferu ghandha.

Il-qorti ma tara xejn stramb li persuna, fi zmien meta tkun fi bzonn minhabba mard, tiddeciedi li taghmel testment u tiffavorixxi lil dik il-persuna li tkun ta‘ spallha ghaliha u l-iktar qrib taghha. Mill-atti l-qorti m'ghandix dubju li minkejja l-eta avvanzata taghha, il-konvenuta kienet

kolonna ghal Alexander Grech u ghamlet hafna mieghu f'perjodu meta kellu l-iktar bzonn.
Hu minnu li fit-testment li ghamel fl-1991 lill-konvenuta kien hallilha biss legat ta' Lm1,000, vettura Fiat, television tal-kulur, video recorder, u zewg armi tan-nar. Dan il-fatt ma jwassalx lill-qorti biex tissuspetta dwar dak li jinghad fl-ahhar zewg testmenti li ghamel, u dan meta tqies li kienu ghaddew iktar minn 15 il-sena mill-ewwel testment u c-cirkostanzi kienu nbidlu. Daqstant, iehor fit-testment tal-1991 ma jissemmewx l-atturi mentri fit-testment tal-2006 hallilhom legat li jikkonsisti f'nofs indiviz tad-depoziti bankarji mal-HSBC.
Jidher li lit-testatur tatu puplesija f'nofs Mejju 2006, u t-testment sar fid-29 ta' Awissu 2006. Ma rrizultax x'kienet il-kundizzjoni medika tat-testatur fiz-zmien meta sar l-ewwel testment. In-nutar li ghamel it-testment serva ta' strument f'idejn il-konvenuta li riedet takkwista testment qabel Grech imut ? Wara li l-qorti rriflettiet fuq il-provi li tressqu, ma tasalx biex twiegeb fl-affermattiv. Il-qorti m'hijiex moralment konvinta li t-testment li sar fl-2006 sar minhabba kaptazzjoni u suggestjoni min-naha tal-konvenuta. Anzi sahansitra f'April 2007 t-testatur rega' kkonferma dak li kien ghamel fl-2006. Ghalkemm l-atturi jipprovaw jaghtu x'tifhem li t-testatur kien taht il-hakma tal-konvenuta, min-naha l-ohra m'ghamlu xejn sabiex l-affarijiet jinbidlu. Il-qorti ma temminx li t-testment li t-testatur ghamel fl-1991 gie revokat minhabba xi agir hazin min-naha tal-konvenuta, bhal insistenza min-naha taghha. Mill-provi li tressqu l-qorti ma ssib l-ebda dolo min-naha tal-konvenuta li seta' wassal lil Grech biex jaghmel testment fid-29 ta' Awissu 2006 u iehor fit-18 ta' April 2007. Sahansitra irrizulta wkoll li t-testmenti ma sarux fil-presenza tal-konvenuta.
**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**
**1. Tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku, bl-ispejjez kontra taghha.**
**2. Tilqa' l-eccezzjonijiet fil-meritu u tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------